MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Numru. 380/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs**

**DARREN MIZZI**
**- OMISSIS -**
**AARON MIZZI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Darren Mizzi, ta' 27 sena, iben Joseph u Rita imwielda Cassar, imwieled Pieta' fil-21 ta' Settembru, 1981 u joqghod 1, Valletta Road, Qormi, u detentur tal-karta ta' l-identita numru 523781(M).

U

- omissis -

U

Aaron Mizzi, ta' 28 sena iben Joseph u Rita xebba Cassar imwieled Pieta’ fis-27 ta' Mejju 1980 u joqghod 26, Shangai, Triq is-Sajf, Qormi jew 9, San Mikiel, Triq il-Belt Valletta, Qormi detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 258980(M).

Gew akkuzati talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Gunju 2004 u fix-xhur precedenti, fil-Marsa u/jew f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, u matul ix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula f'rizoluzzjoni wahda:

1) Xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita' estera;
2) Zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;
3) Bhala sidien tal-post maghruf bhala New Tiger Bar u post numru 3 u 4, Xatt il-Mollijiet, Marsa hallew jew ippermettew li dak l-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti tieghu jigi wzat bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali
4) Bhala sidien jew bhala persuni li ghandhom jew kellhom taht idejhom l-amministrazzjoni tal-post, New Tiger Bar u post numru 3 u 4, Xatt il-Mollijiet, Marsa, xjentement taw b'kiri jew ippermettew l-uzu ta' l-imsemmi post ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

- omissis -

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok LC 7.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati Darren Mizzi u Aaron Mizzi ddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati Darren Mizzi u Aaron Mizzi bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati Darren Mizzi u Aaron Mizzi wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.
Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li jaqblu li nkwantu ghall-imputat Darren Mizzi, dan ghandu problema ta’ abbuz mid-droga u inoltre ghandu problema ta’ dejn u konsegwentement umilment issuggerixxu li l-istess imputat Darren Mizzi jitpogga taht Ordni ta’ Probation sabiex ikun assistit dwar dawn il-problemi.

Rat fil-konfront tal-imputati Darren Mizzi u Aaron Mizzi l-artikoli 7(1), 8, 9 u 10 tal-Kap. 63 u l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Darren Mizzi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjali Prosekuturi fil-Verbal tas-Seduta tallum in rigward tal-imputat Darren Mizzi kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Darren Mizzi

taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex l-imsemmi imputat Darren Mizzi jkun assistit dwar il-problemi li ghandu ta' droga u dejn.

Issib lill-imputat Aaron Mizzi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-istess imputat Aaron Mizzi taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputati Darren Mizzi u Aaron Mizzi sabiex fi zmien tlett (3) snin millum ihallsu lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' tmien mija u sitta Ewro u disgha u erbghin centezmi ta' Ewro (Ewro 806.49) rappresentanti terz kull wiehed tal-ispejjez inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RB1.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order rigward l-imputat Darren Mizzi jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza rigward l-imputat Darren Mizzi lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Darren Mizzi.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat lill-imputat Darren Mizzi ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Darren Mizzi kull sitt (6) xhur.
Il-Qorti tat lill-imputat Darren Mizzi l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tat lill-imputat Aaron Mizzi l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------